**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 290/2016 CFF**

**Shamison Busuttil**
**vs**
**Glenn Caruana**

**Illum 8 ta' Jannar 2024**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ta' Shamison Busuttil (Ki 63487M), fejn espona:

Illi tħallas lill-attur is-somma komplessiva ta' tmint elef, ħames mija u tlettax-il ewro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (Euro 8513.25), rappreżentanti nparti danni sofferti minnu u likwidati, u nparti ammont imħallas lilek indebitament u dana kollu in konnessjoni ma' xogħlijiet esegwiti minnek mhux skont l-arti u sengħa fil-vettura tar-rikorrenti tal-marka Volvo bin-numru tar-reġistrazzjoni XEM111 kif ukoll tħallas l-imgħaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-ittra legali tat-28 ta' Settembru 2016 sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż kompriżi dawk tat-taxxa fuq il-valur miżjud in konnessjoni mad-drittijiet professjonali fuq dawn il-proċeduri, tal-ittra legali datata 28 ta' Settembru 2016 u bl-intimat nġunt għas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenut Glenn Caruana (KI 076191M) fejn espona:

1. Illi in primis, Glenn Caruana għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju stante li huwa ma hux il-leġittimu kontradittur f'din il-kawża li

ntavola l-attur Shamison Busuttil għaliex il-konvenut huwa għal kollox estranju għar-responsabbiltajiet lilu adebitati fl-azzjoni tentata mill-attur u għaldaqstant Glenn Caruana għandu jiġi estromess minn dawn il-proċeduri qabel jiġi trattat il-mertu;

2. Illi sekondarjament, it-talbiet tal-attur Shamison Busutill huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u qegħdin jiġu totalment respinti stante li Glenn Caruana ma huwa responsabbli għal ebda dannu li allegatament ġie soffert mill-attur fil-vettura Volvo b'numru ta' reġistrazzjoni XEM111 li jsemmi l-attur u lanqas ma qatt rċieva flus mingħand l-attur, kif falsament allegat;

3. Illi strettament mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-attur naqas milli jsemmi x'tip ta' ħsara allegatament sofra, id-data ta' meta allegatament ġiet sofferta tali ħsara u ma ressaq l-ebda dokumentazzjoni in sostenn tat-talbiet tiegħu.

4. Illi strettament mingħajr preġudizzju għas-suespost ukoll, il-ħsara li allegatament setgħet ġrat lill-vettura msemmija ċertament ġrat minħabba is-sewqan tal-attur mhux minħabba xogħol li sar fuq il-vettura.

Bl-ispejjeż kollha ta' dawn il-proċeduri jkunu a karigu tal-attur Shamison Busuttil;

B'riserva għal eċċezzjonijiet ulterjuri spettanti lil konvenut, jekk ikun il-każ;

**Shamison Busuttil** xehed fejn qal li kien xtara vettura tal-għamla Volvo XC 60 mill-Ingilterra. Hu kien ħa din il-vettura għal service ġewwa Gasan għall-ewwel darba u fil-għaxija kien ċempillu l-konvenut Glenn Caruana fejn qallu li huwa kien mechanic u jaħdem fuq il-Volvo u staqsieh biex jiġi għandu l-garage ġewwa Ħal Luqa li ma kellu x'jaqsam xejn ma' Gasan. Meta mar ġewwa l-garage tiegħu beda jurieh l-għodda u kkonvinċieh li għas-service li jmiss jeħoda għandu. Huwa kien sar jaf wara li kien impjegat ma' Gasan dan Glenn Caruana. Hu kien mar għandu darbtejn sabiex jaralu l-vettura tiegħu u dejjem ħallsu tax-xogħol li kien sar. Darba waqt li kien qiegħed isuq il-vettura din waqfet ħesrem f'nofs ta' triq. Meta waqfet il-vettura ċempel lill konvenut biex jgħidlu x'ġara u fil-fatt kienu ftehmu biex jieħu l-vettura lura għandu. L-għada Glenn Caruana qallu li kien hemm ħsara għax nqatgħet iċ-ċinga u daħlet ġewwa ċinga oħra. Illi skont hu kien qallu biex ikellem lil tal-insurance. Is-surveyor tal-insurance li kien ġie baqa' jinsisti li ma kienx riżultat ta' xi ġebel li daħal minn taħt għax il-vettura hija tat-tip SUV u tkun magħluqa minn taħt. Illi ġara li c-ċinġa ma kienitx inbidlet wara 30,000 mil. Meta kellem lil Glenn fuq dak li qalu l-insurance, qallu li kien sejjer jara u fil-fatt ikkonfermalu li suppost inbidlet iċ-ċinġa tal-affarijiet. Illi meta ra hekk, qallu li suppost inti mechanic u kellek tibdel iċ-ċinġa. Huwa żied jgħid li kien din

il-vettura tiegħu għand l-konvenut wara li kienet qabżet it-30,000 mil. Illi fil-fatt iċ-ċinga ma kienitx inbidlet. Skont l-istess xhud, qal li Glen kien qallu li taparsi inbidlet iċ-ċinga fejn min-naħa tiegħu kien irrifjuta jagħmel dan għaliex b'hekk kien idaħħlu fl-inkwiet. Minħabba dak li ġara fiċ-ċinga, kien hemm ħsarat fil-magna. Illi l-istess konvenut beda jgħidlu biex ma jmurx għand l-aġent minħabba li huwa kien jaħdem magħhom u żied jgħidlu li kienet se tiġih ħafna flus jekk jeħoda għandhom. Illi fil-fatt il-konvenut qallu kemm kienet se tiġi tiswa' tax-xogħol li kellu jagħmel fiha. Illi minħabba dak li kien ġralu miegħu ma xtaqx jerġa' jieħu il-vettura għandu. Meta mar għand l-aġent u l-prezz mgħoti lilu kien ferm orħos minn dak li qallu Glen Caruana. Fil-fatt bdew isiru arranġamenti sabiex jieħu lura l-vettura tiegħu mingħand il-konvenut u fid-diskors qallu li ried mitejn ewro (200) bħala parti mill-ħlas tax-xogħol li kien se jagħmillu. Fil-fatt kien tah dawn il-flus wara li saret pressjoni fuq tant li ħassu mhedded. Ġew esebieti dokumenti relatati mal-bdil tal-magna kif ukoll riċevuta maħruġa mill-konvenut għas-somma ta' mitejn ewro.

**Mark Galea** ippreżenta doħument immarkat bħala dok MG1 (a fol 25) u għaraf lil konvenut bħala mechanic li jaħdem ma' Gasan Zammit bħala leading technician. Meta reġa' xehed l-istess xhud fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2018, fejn esebixxa data sheet tal-vettura Volvo XC6 (dok MG2). Illi skont ir-rekords tagħhom, l-attur kien ġie għandhom fis-sena 2013, sabiex jagħmel service tal-vettura pero' kien qabeż is-sena 2014 u ġie għandhom fis-sena 2015 minħabba l-ħsara fil-magna u riedt tinbidel. Illi l-kaġun ta' dan kien li kienet spiċċat iċ-ċinga u affetwat it-timing u ħolqot ħsara kbira fil-magna. Illi mid-dokumenti li ġew murija lilhu huwa ikkonferma li ċ-ċinga kellha tinbidel ta' 36,000 mil u jekk ma jkunx intlaħaq il-mileage allura wara għaxar snin. Fil-fatt mal-ewwel service li kien sar fil-vettura ma kienx inbidel minħabba li l-mileage kien għadu baxx. Jekk jgħaddu għaxar snin u l-mileage jkun għadu baxx allura tinbidel iċ-ċinga. Ir-raġuni għala falliet iċ-ċinga ma jistax jingħad għaliex iridu jkun l-Volvo li jispjegaw. Huwa esebixxa dokument DB1 li huwa s-service programme tal-vettura. Meta ġie mistoqsi jekk kienx tkellem mal-konvenut fuq il-każ, huwa semma li kien qallu li kienet marret iċ-ċinga u ħolqot ħsara fil-magna. Huwa qal li ma kienx jaf meta sar is-service għaliex ma kienx sar għand Gazan Zammit. Hu kellu javviċina lil konvenut minħabba li jaħdmu flimkien u hu kien l-espert f'dan il-qasam.

**Shamison Busuttil** xehed u qal li kien kellem lil Natalino Agius rigward il-ħsara li kellu fil-vettura tiegħu u ma kienx qallu sabiex imur għand Gazan Zammit. Meta xehed in kontro-eżami qal li kien ħsara fl-auxialliary belt u kompliet tagħmel ħsara fuq iċ-ċinga l-oħra. Meta huwa kiteb lil Volvo tal-Ingilterra kienu qalulu li auxiliary belt trid tinbidel wara sentejn u esebixxa document SB1. Huwa kien qallhom li l-vettura kellha 29,000 mil meta ġrat il-

ħsara fiha. Huwa semma rigward żrar fejn kien infurma lil Glen rigward din għax ħaseb li daħal iż-żrar u ġara li ġara fil-vettura u għalhekk l-insurance kienet tidħol fiha. Fil-fatt tal-insurance kienu infurmawh li fil-fatt ma setgħex jiġri dan għax il-vettura kienet SUV u jkollha taħt magħluq. Illi fil-fatt l-unika spjegazzjoni li tawh li ċ-ċinga kellha tinbidel.

**Glenn Caruana** ikkonferma li huwa jaħdem ma' Gazan Zammit Motors u jgħin lil missieru fil-garage bħala mekkanik. Huwa qal li ħadem fuq il-vettura tal-attur ġewwa Gazan Zammit minħabba li kellha ħsara fl-auxiliary drive belt li ikkawżat ħsara estensiva fil-parti tal-magna. Ġara li din iċ-ċinga iċċartet u ġralha l-ħsara fil-parti ta' fuq tal-magna. Huwa kien jaf li l-attur kien ħa l-vettura għand missieru u tefagħha quddiem il-bieb tal-garage. Hu kien jaf li l-attur kien għadda minn triq li kien hemm iż-żrar u fil-fatt kien hu stess li għamel rapport fuq dan li kien ġrat il-vettura. Huwa kompla jgħid li missieru kien għamel is-services fuq il-vettura u kien missieru li qala l-magna biex jara xi ħsara kien hemm fiha. Il-vettura damet xi xahrejn fil-garage ta' missieru sabiex jara jekk jirranġax mal-insurance. Meta l-vettura ġabuha għand Gazan Zammit kien hu li ħadem fuqha u ġiet irranġata. Illi kompla jgħid li skont dak li hemm a fol 71 tal-proċess, li ċ-ċinga trid tinbidel meta tilhaq is-60,000 km jew inkella għaxar snin jekk dan il-perijodu ma jkunx intlaħaq. Illi f'dan il-każ il-mileage tal-vettura tal-attur kienet għada ma ntlaħaqx u kienet għada taħt l-għaxar snin. In kontro-eżami li seta' kellmu l-ewwel darba li l-attur kien ħa l-vettura għan Gazan Zammit. Huwa innega li kien ċempel lill-attur sabiex jieħu l-vettura għandu għaliex hu kien ġie minn rajh għand missieru. Huwa ma kienx jaf jekk kienx ħadem fuqha qabel għand Gazan Zammit fiż-żmien ta' qabel li ħadem fuq il-magna. Rigward iż-żrar kien l-attur li mar jagħmel rapport fuqha.

Meta kompla jixhed fis-seduta tat-13 ta' Jannar 2021, qal li huwa jmur ħdejn missieru li huwa mekkanik sabiex jikness u jiżbarazza l-garage. Meta ġie mistoqsi jekk fil-fatt kienx ikkomunika mal-attur qal li ma kienx jiftakar. Huwa ma kienx jiftakar li qatt bagħat xi messaġġi dwar il-vettura jew ritratti tal-ħsarat. Illi huwa xehed li missieru kien qal lil Shamisson dwar diversi affarijiet li kellhom bżonn jinbidlu u ma kienx jiftakar li kien hemm xi komunikazzjoni fuq il-whatsapp messages. Huwa spjega li l-ħsara fil-vettura tal-attur ġieli kien ra qabel u dan jiġri minħabba ħsara fit-tensioner u mhux mill-auxiliary belt.

**Robert Fenech** qal li huwa jaħdem ġewwa l-workshop ta' Gazan Zammit fejn skont ir-rekords il-vettura tal-għamla Volvo XC60 tat-2011 daħlet għandhom fis-sena 2015 minħabba ħsara kif ukoll fis-sena 2013 għal service. Il-ħsara kienet minħabba ċinga tal-alternator u ġiet irranġata għand Gazan Zammit. Illi skont id-dokument li jinsab a fol 89, juri li ċ-ċinga trid tinbidel kif ukoll it-

tensioner meta jkun hemm 36,000 miles jew għaxar snin. Issa skont l-informazzjoni li għandu fejn juri l-invoice tax-xogħol li sar fis-sena 2015 li l-valur kien ta' 20,626 mili (dok RF2 a fol 123 et seq).

**Charles Caruana** qal li huwa għandu garage u jaħdem bħala mekkanik. Huwa qal li l-istess attur kien ġie għandu bil-vettura tal-għamla Volvo. Illi kien għamillu service fuq il-vettura tiegħu u kien hemm mument fejn ġibed l-attenzjoni li hemm bżonn jinbidlu il-break pads u affarijiet oħra. Darba kien ċempillu li kienet waqfet il-vettura u permezz ta' tow truck inġiebet ħdejn il-garage tiegħu. Illi ġara li l-attur kien infurma lil tal-insurance sabiex jaraw il-vettura. Min-naħa tiegħu kien żarma l-magna sabiex jara it-tip tal-ħsara li kien fiha biex ukoll ikun jista' jagħmel stima tax-xogħol li jrid isir fiha. Ix-xogħol fuq il-vettura ma kienx sar. Huwa innega li l-attur kien ġie sabiex jagħmel service għandu minħabba li kien qallu t-tifel tiegħu biex jagħmel dan. It-tifel tiegħi ġieli jiġi l-garage għandu iżda ma joqgħodx jaħdem miegħu. Skont hu ma kienx veru li damu xahrejn u nofs minħabba li kienu qegħdin jistennew xi stimi. Illi minħabba li huwa għandu garage żgħir ma setgħax iżomm din il-vettura ġewwa aktar għandu u kien għalhekk li qallu sabiex jeħodha lura. Huwa ma jafx li kien hemm xi messaġġi bejn l-attur u t-tifel tiegħu. Hu kompla jgħid li fil-fatt kien tkellem mat-tifel tiegħu fuq din il-ħsara iżda qatt ma kien bagħat xi risposta għal Shamisson Busuttil mat-tifel tiegħu.

**Owen Ciantar** ippreżenta dokumenti OC1 li huwa s-survey report u skont ir-rapport il-ħsara kienet fit-timing belt, u cioe ċ-ċinga. Min-naħa tal-insurance, il-claim ma kenixt ġiet onorata. Illi skont ir-rapport is-sewwieq kien saq fuq iż-żrar u daħalu fil-magna. Illi mir-rapport li kien għamel, l-inċident kien seħħ qabel din id-data. Huwa kien ra l-vettura għand wieħed Charlie Garage magħruf bħala Koppa Garage. Huwa kien osserva li l-vettura kienet ġiet żarmata iżda l-claim ma kenixt ġiet onorata. Illi skont ma osserva, il-ħsara ma kenitx kaġun taż-żrar. Kienu qalulu li kienu sabu ż-żrar iżda fil-fatt il-ħsara kienet kaġun li inqagħtet iċ-ċinga. Il-ħsara jista' jkun ġie ikkaġunat minħabba li kien wasal biex tinbidel iċ-ċinga. Huwa qal in kontro-eżami li kien kellem lil ċertu Charlie Caruana magħruf bħala l-koppa. Illi fil-fatt kien l-istess Charlie Caruana li kien qallu li kienu sabu ż-żrar fil-vettura.

**L-ispettur Zachary Zammit** esebixxa kopja ta' rapport li kien għamel Shamisson Busuttil dok ZZ1.

**Charles Caruana** meta ġie mistoqsi dwar fejn l-OBD qal li din tara kif qegħda taħdem il-vettura. Huwa qal li t-tifel tiegħu jaħdem ma' Gazan għaliex huwa l-aġent tal-Volvo u t-tifel tiegħu ma jaħdimx miegħu.

Il-Qorti rat id-dokumenti esebieti u semgħet ix-xhieda, rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

**Fatti tal-Każ**

Illi l-attur kien xtara vettura tal-għamla Volvo u kien ħadha għal-ewwel service tagħha għand l-istess aġent tad-ditta Volvo. Illi skont ma' qal l-istess attur, kien ċempillu l-konvenut sabiex imur għandu ġewwa Ħal Luqa fil-garage tiegħu ħalli jibda isewwi għandu. Fil-fatt skont l-istess, attur Shamisson Busuttil kien ħa din il-vettura sabiex isir is-service fuqha. Ġara li ftit wara din il-vettura waqfet ħesrem u kien ċempillu sabiex jara x'set ġara. Fil-fatt kien ħadha għandu u prova jdaħħal l-insurance fiha. Illi skont l-istess attur, il-konvenut kien qallu li kien ħsara minħabba li ċ-ċinga kienet inqagħtet u għamlet ħsara kbira fil-magna. Illi irriżulta ta' hekk kien għamel rapport sabiex juri li kien daħal xi żrar fil-vettura u ikkaġuna l-ħsarat fiha. Illi pero' s-surveyor li ġie jara l-vettura qal li ma setax ġara hekk għax din kienet tal-għamla SUV u jkollhom cover fil-qiegħ. Illi minħabba li kien hemm ħsara kbira talab stima tax-xogħol iżda ma qabilx miegħu u mar sewwa għand l-aġent. Illi min-naħa tal-konvenut huwa innega li b'xi mod għamel xi xogħol privat fuq din il-vettura iżda kien ħadem fuqha ġewwa l-garage ta' Gasan Zammit għax huwa kien impjegat magħhom. Skont hu, kien ikun il-garage ta' missieru iżda mhux li jaħdem miegħu u qatt ma kien għamel xogħol fiha iżda kien għamlu missieru.

**Ikkunsidrat**

*Leġittimu Kontradittur*

Illi l-konvenut qajjem l-eċċezzjoni li hu m'għandux relazzjoni ġuridika mal-attur u għalhekk mhux il-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri. Illi għalhekk din il-Qorti trid tara jekk f'dawn iċ-ċirkostanzi tal-każ, teżistix din ir-relazzjoni ġuridika bejn il-partijiet jew le. Illi għalhekk jekk ikun il-każ li l-Qorti tiddikjara li l-konvenut mhux il-leġittimu kontradittur, allura il-Qorti ma tkunx tista' tkompli bil-każ fil-konfront tiegħu. Il-prova tal-allegat nuqqas ta' relazzjoni ġuridika tinkombi tabilħaqq fuq il-konvenut li ssolleva din l-eċċezzjoni (ara deċizzjoni **Avv. Michael Psaila noe vs Joseph Pace et**, Qorti Ċivili, Prim'Awla, 3 t'Ottubru 2008). Jinkombi fuqhu l-oneru li jipprova għall-konvinċiment ta' din il-Qorti li huwa ma kellu ebda ness mal-*causa petendi* tat-talbiet imressqa fil-konfront tiegħu u allura lanqas mar-riżultat illi l-attur qiegħed ifittex illi jikseb permezz ta' din l-azzjoni. Il-Qorti tal-Appell Inferjuri fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Avukat Antoine Naudi noe vs John Abela Limited**, tat-2 ta' Ottubru 2009, qalet ukoll illi:

> *"Jibda biex jigi kkummentat in linea preliminari illi biex soggett imharrek jew imsejjah fil-gudizzju jitqies li hu legittimu kontradittur,*

*l-ezercizzju fuq daqshekk jinnecessita accertament fuq il-bazi tal-petitum, ossija rrizultat persegwit fil-gudizzju mill-attur. In partikulari, il-principju jinvolvi l-ezami tar-rapport guridiku dedott f'dan il-gudizzju."*

Il-Qorti tagħmel referenza wkoll għal każ ta' **Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et** deċiż mill-Qorti tal-Appell fil-5 t'Ottubru 2001 fejn intqal hekk:

*"Din il-Qorti allura tikkonsidra illi biex tistabilixxi jekk parti in kawza kinitx jew le legittimu kontradittrici tal-parti l-ohra, l-Qorti trid bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna citata fil-gudizzju, kinitx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.*

*Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi ghaliha, jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha. Dan naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeciedi – kif iddecidiet korrettement f'dan il-kaz - illi l-konvenut kien gie sewwa citat inkwantu jkun stabbilit li l-interess guridiku tieghu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu necessarjament ikun finalment tenut bhala l-persuna responsabbli biex tirrispondi ghat-talbiet attrici kif proposti. Kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attrici kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn haddiehor jew lejn haddiehor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jigi wkoll citat bhala legittimu kontradittur fil-kawza."*

Għalhekk mill-provi mressqa f'dawn il-proċeduri, l-konvenut jikkontendi li huwa qatt m'għamel xogħol fil-vettura in kwistjoni ħlief uffiċjalment meta kienet inġiebet il-vettura ġewwa il-garage tal-aġenti tal-Volvo u cioe' Gasan Zammit. Illi min-naħa tal-attur fix-xhieda tiegħu jgħid li kien l-istess konvenut li kien kellmu u ċempillu sabiex imur fil-garage tiegħu ġewwa Ħal Luqa. Huwa ma kienx jaf bih iżda wara din it-telefonata beda jieħu il-karozza tiegħu għas-service. Fl-istess xhieda tiegħu qatt ma ssemma li kien hemm missier il-konvenut li kien ħadem fuqha. Illi però minn dak li xehed l-istess konvenut qal li qatt ma kien ħadem fuqha fil-garage ta' missieru. Min-naħa ta' missier il-konvenut u cioè Charles Caruana qal li kien hu li ħadem fuq il-vettura u kien għamel service tagħha. Illi mill-istess xhieda u provi mressqa ma hemm xejn li jindika li kien l-istess konvenut li kien għamel xi xogħol f'din il-vettura. Illi tajjeb jingħad li xhud imressaq mill-konvenut, certu Owen

Ciantar li jaħdem bhala surveyor, meta xehed qal li kien tkellem ma' Charles Caruana fuq il-vettura u mhux mal-konvenut. Illi tajjeb li ssir referenza wkoll għal dok SB2 a fol 19, fejn hija riċevuta tal-VAT li turi l-isem ta' Charles Caruana għal ħlas ta' żamma tal-vettura fil-garage tiegħu.

Illi mingħajr tlaqlieq ta' xejn, il-provi għandhom jinġiebu min-naħa tal-parti jekk trid tipprova l-ħsieb tagħha u x-xogħol tal-Qorti hija li tifli dawk il-provi sabiex tkun tista' tasal għal konkluzjoni u dan magħdud mal-fatt ta' spjegazjzoni. Illi f'dan il-każ, il-Qorti tinnota li ma tressqet ebda prova li b'xi mod tindika li l-konvenut kellu kuntatt mal-attur fuq din il-karozza. Illi min-naħa tal-konvenut sabiex juri li fil-fatt ma hemmx relazzjoni ġuridika mal-attur ġab xhieda estrani fejn urew li kienu tkellmu fuq il-vettura mal-istess Charles Caruana. Illi għalhekk din il-Qorti mill-provi li għandha quddiema tara li ma hemmx relazzjoni ġuridika bejn iż-żewġ partijiet.

**Decide:**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba tal-attur Shamisson Busuttil u tilqa l-eccezzjoni tal-konvenut Glen Caruana li mhux il-legittimu kontradditur.

L-ispejjez tal-kawża jkunu a karigu ta' l-attur.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**

**Maġistrat**

**Deputat Reġistratur**